FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 24 TA' AWISSU 2016

Il-Pulizija

Spettur James Grech

vs

Wayne Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 314092M akkuzat talli:

1. nhar id-09 ta' Frar 2013 ghal habta tat-1530hrs, gewwa Triq l-Arkatat, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Francesca Farrugia ta' 83 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37 ghad-detriment tal-istess Francesca Farrugia u/jew ta' xi persuna/i ohra;
2. nhar is-26 ta' Lulju 2013 ghal habta tal-1600hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, ikkometta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Giorgia Grech ta' 78 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37 ghad-detriment tal-istess Giorgia Grech u/jew ta' xi persuna/i ohra;
3. nhar is-27 t'Awissu 2013 ghal habta tat-0815hrs gewwa Triq Santa Monika, Paola, ikkommetta serq ta'choker tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Jane Portelli ta' 78 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37 ghad-detriment tal-istess Jane Portelli u/jew ta' xi persuna/i ohra;
4. nhar it-23 t'Awissu 2013 ghal habta tas-1300hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, ikkometta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Agnes Azzopardi ta' 65 sena, liema serq huwa serq semplici ghad-detriment tal-istess Agnes Azzopardi u/jew ta' xi persuna/i ohra;

Il-Qorti mitluba titratta ma Wayne Camilleri bhala recediv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jithassru ai terminu tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema sommarjament

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ghal diversi drabi l-ufficjal tal-Probation, sabiex tevalwa s-sitwazzjoni tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi fis-sena 2013 kienu ittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputat rigward l-erba serqiet fur imsemmija. Il-kawza dwarhom giet deciza fit-28 ta' Jannar 2015. L-imputat kien instab hati fuq ammissjoni tieghu u moghti " combination order" taht il-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta ( vide sentenza fol 27 et seq).

Illi l-odjerni proceduri ghandhom ir-radici taghhom, f'rikors tal-ufficjal tal-Probation tat-21 t'Awissu 2015 (vide fol 37)

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri, l-imputat inghata, ghexieren ta' opportunitajiet biex jehles mill-vizzju tad-droga li kienet il-kaguni tas-serq.

Illi sal-udjenza tal-lum l-ufficjal tal-Probation verbalment irrelatat li l-imputat baqa' bl-atteggament negattiv tieghu u sahansitra kompla bil-vizzju tad-droga.

Konsegwentament, l-Qorti ma thalliet ebda xelta, hlief dik li tikkundanna l-imputat, billi tapplika l-Artikolu 23 tal-Kap 446 u wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 285, 279(a), 18, 49 u 50 tal-Kap 9, tikkundannah ghal tlettax il-xahar prigunerija.

A.M.Trigona

Magistrat